**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 152/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Rodrick Muscat**
**(ID 436087(M))**

**Illum: 28 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Rodrick Muscat** ta' 22 sena, iben George u Maria Teresa nee` Gatt, imwieled Pieta`, nhar is-27 ta' Settembru 1987, residenti Flat 2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk C2, Fgura u/jew 51A, Sqaq Britanniku numru 1, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 436087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' April 2010 u matul l-aħħar ġimgħat ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni

d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) U aktar talli sar reċidiv wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Diċembru 2009 mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D., liema deċiżjoni saret definittiva.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018, il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiża magħluqin;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u illi minkejja li d-difiża talbet u ngħatat il-fakulta` li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, din baqgħet ma ġietx ippreżentata.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Nhar il-25 ta' April 2010, għall-ħabta tas-6.30 p.m., Pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga eżegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat ġewwa l-fond 51A, Flat 1, Sqaq Britanniku numru 1, Tarxien, li fih kien jirrisjedi l-istess imputat. Dak il-ħin l-imputat ma kienx preżenti, iżda kien hemm xi familjari tiegħu u l-imputat wasal fuq il-post xi ftit tal-ħin wara. Waqt din it-tfittxija, f'komodina, instabu żewġ kantunieri bi trab abjad qalb il-kalzetti, u taħt is-saqqu f'kompartiment fis-sodda, instabu miżien diġitali żgħir, borża b'kantunieri li kienu jikkontjenu trab abjad u trab kannella u biċċtejn blokok żgħar suspettati raża tal-*cannabis*. Dawn l-oġġetti ġew iffotografati minn PS 198 Arthur Debattista u ġew elevati minn PC 1253 Fredrick Brincat, li ġew maħtura bħala *Scene of Crime Officers* fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ. L-imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-drittijiet tiegħu u ġie arrestat. Huwa rrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-Pulizija – waħda nhar il-25 ta' April 2010 u oħra nhar is-27 ta' April 2010, wara li reġa' ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[1]

Mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu u ċioe` borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, bin-numru 0371627, li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Identifying mark 10 ATW 201, Description* 3 boroz tal-evidenza mghoddija minn PS 1086, WPS 1220

[1] Ara x-xhieda u r-relazzjoni ta' **PS 198 Arthur Debattista**, a fol. 21 sa 28 tal-proċess; ix-xhieda u r-relazzjoni ta' **PC 1253 Fredrick Brincat**, a fol. 29 sa 34 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 1086 Johann Micallef**, a fol. 35 u 36 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 1220 Chris Baldacchino**, a fol 37 u 38 tal-proċess; ix-xhieda tal-**Ispettur Pierre Grech**, a fol. 39 sa 41 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 891 Oscar Baldacchino**, a fol. 47 u 48 tal-proċess; u x-xhieda ta' **PC 760 Christopher Saliba**, a fol. 49 u 50 tal-proċess.

kontenenti xi evidenza misjuba minnhom stess waqt tfittxija li esegwew personalment fil-fond imsemmi, *Time/Date* 24-4-10, *Where Seized/Produced* 51, Door 1, Sqaq il-Brittannia, NR 1, Tarxien (kamra tas-xxxx ta' gewwa), *Seized/Produced by PC 1253, Laboratory Ref. 100527 – ATW*". F'din il-borża kien hemm tlett boroż tal-plastik trasparenti li ġo fihom kien hemm:

**Borża 01** – Borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, li fuqha kien hemm l-ittra u n-numru A01674822 u li ġo fiha kien hemm miżien elettroniku li kien jaħdem;

**Borża 02** – Borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, li fuqha kien hemm l-ittra u n-numru A01674820 u li fiha kien hemm żewġ boroż żgħar tal-plastik, waħda bi trab abjad fiha u oħra b'sustanza ta' lewn isfar ċar;

**Borża 03** – Borża tal-plastik trasparenti, li kienet issiġillata, li fuqha kien hemm l-ittra u n-numru A01674821 u li ġo fiha kien hemm borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm seba' boroż żgħar tal-plastik trasparenti bi trab kannella ġo fihom. Kien hemm ukoll borża oħra tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm borża tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn isfar ċar, borża tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn kannella fiha u tlett biċċiet żgħar ta' sustanza ta' lewn kannella skur.

L-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dan id-dokument:

a) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-miżien elettroniku fil-borża fuq indikata bħala 01;

b) Li t-tlett biċċiet żgħar ta' sustanza ta' lewn kannella skur li kien hemm fil-borża fuq indikata bħala 03, f'ammont nett totali ta' <u>0.71 grammi</u>, instabu li kienu raża tal-*cannabis*. F'dawn il-biċċiet żgħar ta' sustanza ta' lewn kannella skur, instabet fihom is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>, sustanza li tinsab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita` medja ta' dawn il-biċċiet għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' ċirka 6.2%. Ir-raża tal-pjanta tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Li fit-trab ta' lewn abjad u fis-sustanza ta' lewn isfar ċar li kien hemm fil-borża fuq indikata bħala 02 u fit-trab ta' lewn isfar ċar li kien hemm fil-borża fuq indikata bħala 03, f'ammont nett totali ta' <u>3.47 grammi</u>, instabet fihom is-sustanza <u>Kokajina</u>. Il-purita` medja ta' dawn għas-sustanza kokaina kienet ta' ċirka 45.7%;

d) Li fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fit-tmien boroż żgħar tal-plastik fil-borża fuq indikata bħala 03, f'ammont nett totali ta' 5.23 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita` medja ta' dawn għas-sustanza Herojina kienet ta' ċirka 16.3٪. Is-sustanzi Kokajina u Herojina huma kkontrollati bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Mir-relazzjoni tal-espert **PS 659 Jeffrey Hughes** maħtur bħala espert tal-impronta diġitali fil-mori tal-inkjesta, jirriżulta illi fuq id-dokument immarkat bħala MM2, ossia d-dokument analizzat mill-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, b'mod speċifiku fuq il-biċċiet tal-plastik u l-miżien elettroniku fl-istess dokument, ma ġew żviluppati l-ebda impronta.[3]

In kontro-eżami, **l-Ispettur Pierre Grech** jixhed illi r-raġuni għaliex l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' pussess aggravat kienet illi nstabu miżien, kif ukoll numru ta' qratas żgħar fl-istess piż. Skont ix-xhud, il-miżien, l-ammont ta' qratas u l-mod kif dawn kienu maqsumin kienu ndikattivi ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur. Jikkonferma wkoll, fuq suġġeriment tal-avukat difensur, illi kollox instab fil-kamra tas-sodda tal-imputat fil-fond fejn jirrisjedi jew fejn kien jirrisjedi għax skont hu, imbagħad, kien jgħix ma' nanntu u ma' ommu. Fuq suġġeriment tal-avukat difensur illi dak iż-żmien l-imputat qalilhom illi huwa kien jgħix hemmhekk u illi fil-fatt ftit wara li saret din it-tfittxija l-imputat wasal fir-residenza, ix-xhud ikkonferma dan, kif ukoll illi l-imputat ġie arrestat, li ma kienx hemm waqt il-ħin tat-tfittxija u illi dak il-ħin kien hemm xi familjari tiegħu. Jikkonferma wkoll illi l-imputat stqarr illi kellu problema tad-droga, kif ukoll illi huwa kien juża l-miżien sabiex jikkontrolla l-ammonti li jieħu, u illi ma kienx juża siringi iżda kien jaħraq is-sustanza fuq il-*foil* (jew dak li huwa magħruf bħala *chasing the dragon*). Jgħid in oltre illi l-imputat stqarr illi s-sustanza kienet għall-użu tiegħu. Mill-bqija x-xhud irrefera għall-istqarrija tal-istess imputat.[4]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-drogi eroina u kokaina u bil-pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-25 ta' April 2010 u l-aħħar ġimgħat ta' qabel din id-data.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, fil-kamra tas-sodda tar-residenza fejn kien qed jgħix l-istess imputat, instabu numru ta' qratas bid-droga kokaina u eroina, kif ukoll sustanzi li rriżultaw illi kienu raża tal-*cannabis*, u

---

[2] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 64 tal-proċess u x-xhieda tal-espert a fol. 62 u 63 tal-proċess.
[3] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 71 tal-proċess u x-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes, a fol. 69 u 70 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 87 sa 92 tal-proċess.

miżien żgħir diġitali. Għalkemm id-difiża baqgħet ma ppreżentatx in-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, jidher mill-atti u b'mod speċifiku mid-domandi li saru lill-Ispettur Pierre Grech, l-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-każ, illi l-imputat mhuwiex qed jikkontesta l-fatt illi huwa nstab fil-pussess ta' din id-droga, iżda l-pussess aggravat tad-drogi eroina u kokaina ossia illi dik id-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Kif ingħad l-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-25 ta' April 2010 u nhar is-27 ta' April 2010 rispettivament, liema stqarrijiet ittieħdu lilu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. F'dan il-każ, mhux talli l-imputat fl-ebda waqt ma talab illi jiġu skartati l-istqarrijiet tiegħu, talli iżjed minn hekk, id-difiża stess irreferiet għall-ewwel stqarrija tiegħu u straħet fuqha waqt il-kontro-eżami tal-Ispettur Pierre Grech sabiex tagħmel id-difiża tagħha. In oltre fil-każ odjern, l-istqarrija tal-imputat lanqas ma jista' jingħad illi hija l-unika prova sabiex il-Qorti tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba kontra tiegħu. Anzi l-Qorti tasal biex tgħid illi anke li kieku kellha tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat, tibqa' prova fl-atti illi d-drogi eroina u kokaina fil-pussess tiegħu ma kinux intiżi għall-użu esklussiv tiegħu. Dan qed jingħad fid-dawl tan-numru ta' qratas li nstabu fil-pussess tal-imputat, kif ukoll illi numru minn dawn il-qratas kellhom piż identiku jew simili għall-aħħar. Fil-fatt mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta illi fil-pussess tal-imputat instabu ben tmint iqratas bid-droga eroina (apparti tlitt iqratas oħra bil-kokaina), li sitta minnhom kellhom piż identiku jew simili ħafna. B'kollox l-imputat kellu fil-pussess tiegħu 5.23 grammi eroina u 3.47 grammi kokaina, li għalkemm mhumiex xi ammonti kbar, lanqas ma huma ammonti li solitament wieħed jassoċja ma' użu personali tad-droga. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti, anke mis-sejba tal-miżien u l-mod pjuttost preċiż li bih kienu maqsumin uħud mill-qratas, illi l-borża li kien fiha erba' grammi eroina, kienet intiża sabiex tiġi maqsuma wkoll fi qratas iżgħar.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija nhar il-25 ta' April 2010, l-imputat jgħid illi din id-droga kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu. Jgħid ukoll illi huwa kien ilu jieħu d-droga xi erba' snin u illi għalkemm kien ilu jipprova jieqaf mill-vizzju ma kienx irnexxielu, minkejja li kien anke jieħu l-kura. Jgħid in oltre dwar l-eroina, illi huwa kien jieħu "*Dik il-gramma kuljum*" u illi kull darba kien jixtri ħames grammi eroina biex isservih għal sebat ijiem. Jgħid ukoll illi l-qratas kien jaqsamhom fil-għodu sabiex ikollu biżżejjed għall-ġurnata, u biex fi kliemu "*ghal-llum nghaddi b'dawn*", iżda dwar dan il-Qorti tosserva illi apparti l-mod preċiż li kienu maqsumin uħud minn dawn il-qratas, fil-qratas l-imputat kellu 1.23 grammi li jfisser illi b'dik ir-rata żgur illi d-droga ma kinitx ser isservih ġimgħa kif jgħid hu. Fir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi t-tfittxija fir-residenza tal-imputat saret xi s-6.30 p.m. meta allura wieħed kien jistenna, skont il-verżjoni

tal-imputat, illi ma kienx ikun għad fadallu 'l fuq minn gramma eroina maqsuma fi qratas. Imbagħad l-imputat jgħid ukoll illi huwa kien jixtri ħames grammi bil-prezz ta' €250, li jfisser illi f'erba' ġimgħat, huwa kien jeħtieġ €1000 għad-droga eroina biss, meta jirriżulta wkoll mill-istqarrija tiegħu illi huwa kien jipperċepixxi benefiċċji soċjali fis-somma ta' €100 fil-ġimgħa. Veru illi l-imputat jgħid illi kienu jagħtuh "*xi ħaġa*" ommu u ħutu, u li qabel kien jagħtih in-nannu wkoll meta kien għadu ħaj u illi b'hekk kien jgħaqqad il-flus għad-droga, iżda huwa pjuttost inverosimili illi familtu kienet tagħtih mas-€600 fix-xahar għad-droga biss! Dan qed jingħad b'mod partikolari ukoll għaliex l-imputat jgħid illi l-familjari tiegħu ma kinux jafu li jonfoq il-flus fid-droga, meta mhux talli kien jonfoq tant flus, talli skont hu, flusu kien jonfoqhom kważi fuq id-droga biss. Imbagħad, wieħed irid iqis illi l-imputat kellu bżonn jgħix ukoll, illi kellu vettura li wkoll teħtieġ l-ispejjeż, u illi kien jieħu wkoll il-kokaina okkażjonalment. Fir-rigward tal-kokaina in oltre il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm huwa jgħid illi jekk ikollu żewġ grammi jeħodhom, jekk ikollu tliet grammi jeħodhom ukoll u jekk ma jkollu xejn ma jieħux, fil-pussess tiegħu nstabu 3.47 grammi kokaina, li skont hu, kienu ilhom għandu xi tliet ġimgħat. Kieku verament l-imputat kien jieħu l-kokaina kollha li kien ikollu fil-pussess tiegħu, kif jgħid hu, ċertament li ma kinitx tinstab din id-droga għandu wara dan iż-żmien kollu.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) ġew sodisafaċentement ippruvati, b'dan illi qed tinsab ħtija biss dwar l-imputazzjonijiet kif dedotti fir-rigward tal-25 ta' April 2010 u mhux l-aħħar ġimgħat ta' qabel din id-data.

Permezz tal-imputazzjoni (ċ), imbagħad, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess sempliċi tar-raża tal-*cannabis*. M'hemmx dubbju mill-provi prodotti illi l-imputat kien fil-pussess ta' din is-sustanza, li skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, kellha piż ta' 0.71 grammi.

Il-Qorti tqis għalhekk illi jirriżulta ppruvat illi dakinhar tal-25 ta' April 2010, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-*cannabis* fit-termini tal-imputazzjoni (ċ). In oltre jirriżulta wkoll mill-istqarrija illi xi kultant huwa kien ipejjep "*naqra smoke*" u dan b'referenza għar-raża.

Hawnhekk jeħtieġ madankollu illi l-Qorti tqis ukoll id-disposizzjonijiet introdotti riċentement fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċertu attivitajiet relatati mal-*cannabis*. L-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis

> f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis"

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, li jinstabu fil-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, jew għall-proċeduri hekk imsejjħa amministrattivi quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, u dan għaliex tali pussess illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Stabbilit illi l-imputat kien fil-pussess ta' kwantita` żgħira ta' raża tal-*cannabis*, stabbilit ukoll illi ma jirriżultax mill-atti illi fiż-żmien li għalih tirreferi din l-imputazzjoni, huwa kien fil-pussess ta' aktar minn seba' grammi, kif ukoll illi huwa ġie akkużat biss bir-reat ta' pussess 'sempliċi' ta' din id-droga, il-Qorti tqis illi għandha llum tapplika din il-liġi fil-konfront tal-imputat odjern, liema liġi hija l-iżjed favorevoli għalih, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputat jinsab akkużat illum ma jikkostitwixxix reat, allura huwa ser jiġi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Cassano</u>** tat-28 ta' Settembru 2017, u dan b'referenza għal ċirkostanzi simili fejn id-disposizzjoni tal-liġi li kienet tikkontempla r-reat li bih ġie mixli l-appellant f'dak il-każ, kienet ġiet imħassra:

> "Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> "*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court ....*

*affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[5]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[6]

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"[7]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

---

[5] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[6] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.
[7] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn *The Times of Malta* datat 27 ta' Frar 2017 "*The more lenient criminal law*" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

"B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' April 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hany Abdullatif Tawkif Elkhawiny**, għalkemm f'dak il-każ kien hemm tibdil fil-piena kkontemplata fil-liġi wara ż-żmien tar-reat u wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk mhux tibdil fil-liġi li wasslet sabiex att jew ommissjoni ma jibqax jikkostitwixxi reat, bħal fil-każ tal-lum, il-Qorti adottat l-istess posizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Cassano** fuq ċitata u qalet hekk dwar din il-materja:

"Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.

21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -

Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[8]

22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :

Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.

23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.

---

[8] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk:

27. *If the punishment provided by the law in force at the time of the trial* ***is different*** *from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded*.

24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[9] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero:

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of te offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;
>
> b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> …
>
> The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (*sic*). If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.
>
> Section 28 of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : "pena di qualita' meno grave") shall be applied.
>
> …
>
> The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the

[9] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law, Limitations by Time.**

punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such ........penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

… in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-Interpretation Act tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

> **12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
> (a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;
> (b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;
> (ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;
> **(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;
> (e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889."

Hawnhekk il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Anthony Brincat et** tal-4 ta' Lulju 2019, iżda kompliet hekk:

"28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li :

> 3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
> (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik

il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law**: **the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk : -

55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106)."

Imbagħad b'referenza għall-każ ta' Cassano fuq ċitat, il-Qorti qalet illi essenzjalment f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet "*l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni*" u kompliet tgħid illi *"Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina ...f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017".*

Fil-fatt fl-artikolu tiegħu ntitolat **The More Lenient Criminal Law**[10], il-Professur Aquilina jgħid hekk:

> "One of the controversies which have erupted recently in relation to the Media and Defamation Bill is whether the latter is human rights compliant in relation to Article 7 of the European Convention on Human Rights (ECHR) whose marginal note reads "No punishment without law".
>
> …
>
> The Bill contains a provision which will decriminalise criminal defamatory libel for the future but will retain extant proceedings even after the Bill becomes law. Clause 27(4) states that: "Any criminal proceedings instituted under the repealed Act prior to the coming into force of this Act and which, on the coming into force of this Act, are pending before any court shall continue to be heard and shall be determined by the courts in terms of the repealed Act but the court shall not in awarding any punishment for defamation impose any punishment of imprisonment."
>
> In other words, from the entry into force of the Bill it would not be possible for the police to institute criminal libel proceedings but, in so far as pending criminal libel proceedings are concerned, these proceedings are saved and can be continued and determined without any difficulty. The question which arises is whether this is lawful under Maltese law and whether it is human rights compliant.
>
> In so far as Maltese law is concerned, the Interpretation Act, enacted in 1975 before Malta incorporated the ECHR into Maltese law through the European Convention Act, states quite clearly that it is possible to adopt the course proposed in the Bill. The Interpretation Act, in article 12, allows Parliament to repeal a criminal offence while saving the operation of that criminal law in relation to pending proceedings. So, to my mind, I see no inconsistency between clause 27(4) of the Bill and article 12 of the Interpretation Act. On the contrary they are in harmony with each other.
>
> The next question which has to be asked is: are article 12 of the Interpretation Act and clause 27(4) of the Bill fully compliant with Article 7 of the ECHR? The answer is in the negative. The European Court of Human Rights (ECtHR) has enunciated in its case law what it refers to as the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. It has explained this principle in the Grand Chamber's

[10] Times of Malta, 27 ta' Frar 2017.

decision of Scoppola v. Italy (No. 2) of September 17, 2009 as follows:

“In the light of the foregoing considerations, the court takes the view that it is necessary to depart from the case law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.

“That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant…

“It follows that the applicant was given a heavier sentence than the one prescribed by the law which, of all the laws in force during the period between the commission of the offence and delivery of the final judgment, was most favourable to him... In the light of the foregoing, the court considers that the respondent State failed to discharge its obligation to grant the applicant the benefit of the provision prescribing a more lenient penalty which had come into force after the commission of the offence.”

This was not the only case where the ECtHR applied the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. Other cases followed. Such is the case of Öcalan v. Turkey (No 2) of March 18, 2014 where it held that:

“The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.”

In the Öcalan judgment, the court also referred to another case: “In its decision in the case of Hummatov v. Azerbaijan ([dec.], nos. 9852/03 and 13413/04, May 18, 2006), the court approved the parties’ shared opinion that a life sentence was not a harsher penalty than the death penalty.”

In Ruban v. Ukraine decided on July 12, 2016, the ECtHR held as follows: "Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law."

In Koprivnikar v. Slovenia, Strasbourg explained these words as follows: "In other words, where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of an offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (see Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], no. 10249/03, § 109, September 17, 2009)."

In its judgment in the case of Gouarré Patte v. Andorra the court extended the guarantees of Article 7 concerning the retrospectiveness of the more lenient criminal law to the possibility of retrospective revision of the final sentence if domestic law provided for such a possibility (see Gouarré Patte v. Andorra, no. 33427/10, §§ 33 to 36, January 12, 2016).

By applying the above case law to the Bill, the situation is that under the Bill no punishment will be meted out for criminal libel on its entry into force once this offence is being decriminalised but under the Press Act which will be repealed by the Bill, the punishment is that of a fine. Needless to say, the most lenient of both provisions is the one which imposes no punishment not the one which imposes a fine.

Therefore clause 27(4) of the Bill is not in conformity with Article 7 of the ECHR. On the contrary, it is in breach of human rights. Yet, as the Bill has not been enacted into law, there is still time for government to salvage this situation provided that it understands that there is a problem here which needs addressing."

Fis-sentenza tagħha, imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk fil-każ ta' **Elkhawiny**:

"34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem

evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli**."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja**[11] fejn kien gie ritenut b'referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b'dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi w fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tqis illi ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar fatt li llum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Finalment, l-imputat ġie akkużat ukoll bl-addebitu tar-reċidiva u dan wara sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera tal-14 ta' Diċembru 2009. In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Maġistrat Dr. Scerri Herrera tal-14 ta' Diċembru 2009, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Stephen Micallef) vs Roderick Muscat', mil-liema sentenza jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, inkluż in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern. Għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta illi s-sentenza in kwistjoni ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat. Jirriżulta wkoll mill-istess sentenza illi f'dak il-każ, huwa ġie kkundannat għall-piena ta' multa ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), liema multa kellha titħallas minnu f'rati mensili u konsekuttivi ta' erbgħin ewro (€40). Dan ifisser illi t-terminu għall-ħlas ta' din il-multa kien għadu għaddej fil-jum li għalih jirreferi l-każ odjern. Lanqas m'hemm prova fl-atti illi din kienet tħallset sa dakinhar. In oltre bħala parti mill-piena, l-imputat ġie skwalifikat mil-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' sena, li wkoll kienet għadha m'għaddietx mid-data tas-sentenza. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-imputat kien skonta l-piena tiegħu sad-data tal-każ odjern. Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva biss fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

[11] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sal-lum, mil-liema jirriżulta *inter alia* illi l-imputat instab ħati ta' reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, (f'iżjed minn okkażżjoni waħda), serq aggravat, ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, pussess tar-raża tal-cannabis, reat taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u reati kontravenzjonali.

Qed tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ammont tad-droga nvoluta u illi minkejja illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2010, id-dewmien fil-proċeduri kien fil-maġġior parti tiegħu imputabbli lill-istess imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Rodrick Muscat** mhux ħati tal-imputazzjoni (ċ) miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b), iżda limitatament għall-25 ta' April 2010, kif ukoll tal-imputazzjoni (d) u qed tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 198 Arthur Debattista, ammontanti għas-somma ta' tmienja u ħamsin ewro, sitta u sebgħin ċenteżmu (€58.76), l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PC 1253 Fredrick Brincat, ammontanti għas-somma ta' tlieta u ħamsin ewro, disgħa u ħamsin ċenteżmu (€53.59), u l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' ħames mija, sebgħa u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€567.20)[12], b'kollox għalhekk ammontanti għas-somma ta' sitt mija, disgħa u sebgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€679.55), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li

[12] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PS 659 Jeffrey Hughes stante illi l-konklużjonijiet fl-istess relazzjoni kienu fin-negattiv u ma wasslu bl-ebda mod għas-sejbien ta' ħtija.

jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**